# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 14 ta’ Marzu 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daryl Borg)**

**vs**
**Mark D’Agostino**

**Kumpilazzjoni Nru: 650/2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Mark D’Agostino detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 465871M.

Akkuzat talli nhar l-10 ta’ Lulju, 2013 bejn is-7:00 ta’ filghaxija u d-9:00 ta’ filghaxija gewwa l-Belt Valletta u f’dawn il-Gzejjer:-

1. Volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, cioe’ kamera tar-ritratti tad-ditta ’Canon’ ghad-dannu ta’ Thomas Albert Kunze, liema hsara ma tiskorrix l-elf, mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69), izda aktar minn mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) u dan bi ksur tal-artikolu 325 (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Kif ukoll talli insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b'modi ohra lil Thomas Albert Kunze u dan bi ksur tal-Artikolu 339 (1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' ta' Thomas Albert Kunze skond it-terminu tal-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet il-provi.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan huwa kaz li jirrigwarda incident li sehh nhar it-10 ta' Lulju 3013. Fil-fatt dak in-nhar sar rapport lill-pulizija ta' l-ghassa tal-Belt minn certu Thomas Albert Kunze li ftit qabel meta kien ser juza il-lift li taghti mix-Xatt tal-Belt ghall-Barrakka ta' Fuq huwa kellu argument mas-security officer tal-lift minhabba li l-kwerelant ma kienx jaf li kellu jhallas biex juza l-lift; Kunze alega ukoll li dik il-persuna kkawzatlu hsara fil-camera tar-ritratti li kellu.

Illi l-unika xhud li tressaq mill-prosekuzzjoni kien l-pulizija li ha r-rapport, PC1134 Damiel Agius, li kkonferma r-rapport dwar l-incident u dak li ntqal minn Kunze.

Illi pero Thomas Albert Kunze ma resaqx biex jaghti d-depozizzjoni tieghu minkejja li l-kawza kienet ilha tigi differieta minn zmien ghal zmien ghal dan il-ghan mis-16 ta' Frar 2015[1].

[1] Ghandu jigi rilevat li Kunze kien mar lura f'pajjizu u kienu qed jigu esplorati l-mezzi kollha disponibbli ai termini tal-Ligi biex huwa jkun jista' jaghti d-depozizzjoni tieghu b'l-anqas inkonvenjent ghalih, anke minn pajjizu.

Illi fin-nuqqas tad-depozizzjoni tal-parte leza hija nieqsa l-ahjar prova ta' kif svolga l-incident u l-involviment ta' kull wiehed mill-partijiet. F'dawn ic-cirkostanzai ma jistax jinghad li hemm provi sufficjenti in sostenn ta'l-imputazzjonijiet odjerni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**